# Qorti tal-Maġistrati (Malta)
# Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)

Illum, 15 ta' Marzu 2024

**IL-PULIZIJA**

**vs**

**KENNETH CAMILLERI**
**(K.I. 495378M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat Kenneth Camilleri ta' 45 sena, bin Joseph Camilleri u Dolores nee' Magro, imwieled ġewwa l-Pietà, Malta nhar it-23 ta' Ottubru 1978 u residenti ġewwa Flamingo Court, P/H 11, Triq Zarenu Dalli, Birżebbugia, detentur tal-Karta tal-Identità Maltija bin-numru 495378M u akkużat talli bejn Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) u Ottubru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Iffalsifikajt ċedola, polza, ordni jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti,

jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

2. U aktar talli xjentement għamilt użu minn waħda mill-karti imsemmija;

3. U aktar talli għamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħloqt pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. U aktar talli xjentement għamilt użu minn att, kitba jew skrittura falza;

5. U aktar talli sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalik innifsek jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt tagħrif falz;

6. U aktar talli b'mezzi kontra l-ligi, jew billi għamilt użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrejt ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamilt qliegħ ta' aktar minn ħamest elef euro (€5,000) bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entita' u/jew entitajiet oħra;

7. U aktar talli bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entita' u/jew entitajiet oħra, għamilt qliegħ ieħor b'qerq ta' aktar minn ħamest elef euro (€,5,000);

8. U aktar talli kellek fil-pussess ta' jew kellek taħt il-kontroll tiegħek xi oġġetti għall-użu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotta kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk irid, jerġa' lura minnha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi l-akkużi odjerni jikkonċerna l-involviment tal-akkużat fi skema frawdolenti li permezz tagħha numru ta' persuni applikaw u rċevew kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali mingħajr ma kienu intitolati għalihom. Filfatt, l-akkużat odjern applika mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali sabiex jirċievi l-Għajnuna għad-Diżabilità Severa billi ddikjara li jbgħati mill-kondizzjoni ta' "*Leopard's Syndrome*". Illi minn din l-applikazzjoni, tul il-perjodu indikat hu rċieva madwar €14,725.28 f'għajnuna b'mod frawdolenti.

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tiegħu, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti semgħet illi l-akkużat daħal fi ftehim mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fit-08 ta' Marzu 2024 sabiex jirrifondi l-ammont minnu preċepit illegalment mensilment bil-mod kif indikat fl-istess ftehim. Illi di più, għalkemm huwa benefiċjarju tal-għajnuna, hu ma kienx wieħed mill-persuni li allegatament kienu l-moħħ wara din l-iskema, iżda kien biss wieħed mill-ħafna persuni li wrew interess u saritilhom l-applikazzjoni mill-imħuħ wara din l-iskema frawdolenti.

Illi b'hekk, il-Qorti tqis li għalkemm għandu jingħata messaġġ b'saħħtu li ebda persuna m'għandha tabbuża mis-sistemi ta' sostenn offruti mill-Gvern, fosthom is-servizzi tas-Sigurtà Soċjali, min-naħa l-oħra piena karċerarja effettiva m'hijiex ideonea fir-rigward tal-akkużat. Dan għaliex anke mill-fedina penali tiegħu jirriżulta illi l-akkużat ilu aktar minn għaxar snin ma jxellef difrejħ mal-liġi.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 167, 169, 183, 184, 188(1)(2), 308, 309, 310(1)(a) u 310BA tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil Kenneth Camilleri **<u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u qed tikkundannaħ għal piena ta' sentejn (2) priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tiġi sospiża għall-perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum.

Illi ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħatja bi kliem ċar ir-responsabbilità tagħha taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk hija tikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna lill-ħati sabiex iħallas is-somma ta' €24.98 rappreżentanti spejjeż ta' esperti maħtura in konnessjoni mal-preżenti proċeduri.

**Ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**